MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 660/2003

**Joseph Muscat Manduca**

**vs**

**Louis u Ruby konjugi Manduca u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2007 Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew appuntati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredi ta' Louis Manduca li miet fil-mori tal-kawza, u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2008 il-Qorti ordnat li l-kuraturi deputati jigu estromessi mill-atti tal-kawza u dan *stante* li l-atti gew trasfuzi f'isem Dr. Malcolm Pace sabiex jirrapprezenta l-eredi ta' Louis Manduca.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta' Gunju 2003 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-attur huwa l-propjetarju tal-fond numru erbgha u sittin (64) [gja 56], Bay View Cottage, Triq iz-Zonqor, Marsaskala.

Illi l-konvenuti okkupaw dan il-fond minghajr ebda jedd minn Mejju 1993 sal-15 ta' Jannar 2003, u dan wara li kkommettew spoll.

Illi l-konvenuti gew zgumbrati mill-fond fuq imsemmi wara l-hrug tal-mandat ta' zgumbrament numru 11/03 fl-ismijiet **Marie Louise Muscat Manduca vs Louis Manduca** li gie pprezentat fis-6 ta' Jannar 2002 [Dok. "JM 1"].

Illi fil-perjodu li l-konvenuti kienu qeghdin jokkupaw il-fond fuq imsemmi kkagunaw diversi hsarat kif jirrizulta mir-rapport peritali anness [Dok "JM 2"].

Illi *inoltre* l-konvenuti ghandhom ihallsu kumpens ghall-okkupazzjoni illegali.

Illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u ghall-hlas baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsara li hemm fil-fond numru erbgha u sittin (64) [gja 56], Bay View Cottage, Triq iz-Zonqor, Marsaskala.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur permezz ta' perit nominat mill-Qorti.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma li tigi hekk likwidata.

4. Tillikwida, permezz ta' perit nominal mill-Qorti, somma hija pagabbli bhala kumpens ghall-okkupazzjoni tal-konvenuti tal-fond numru erbgha u sittin (64) [gja 56], Bay View Cottage, Triq iz-Zonqor, Marsaskala matul il-perjodu bejn Mejju 1993 sal-15 ta' Jannar 2003.

5. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu dik is-somma li tigi hekk likwidata ghal fini tar-raba' talba.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Jannar 2003, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 13 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-14 ta' Novembru 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-11 ta' Otturbu 2005 meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors tal-attur datat 19 ta' Ottubru 2005 a fol 28 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta l-kawza ghas-smigh; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghat-18 ta' Jannar 2006.

Rat ir-rikors biex jinhatru l-kuraturi deputati u l-Qorti nnominat lil Dr. Martin Fenech u lill-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer biex jidhru bhala kuraturi deputati.

Rat ir-risposta ta' Dr. Martin Fenech bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-eredita' tal-konvenut Louis Manduca li miet fil-mori tal-kawza datata 2 ta' April 2007 a fol 72 tal-process fejn ecceppixxa:-

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatt.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 72 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur datat 84 tal-process fejn talab lill-Qorti tordna li in kwantu jispetta l-interess ta’ Louis Manduca, il-gudizzju jigi trasfuz favur Dottor Malcolm Pace; u l-Qorti kif hekk presjeduta laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju wara l-mewt tal-konvenut Louis Manduca f’isem Dr. Malcolm Pace b’din li ordnat il-konsegwenti l-estromessjoni tal-kuraturi deputati, u dan kif jidher bid-digriet moghti fis-17 ta’ Jannar 2008 a fol. 100 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-12 ta’ Novembru 2008 fejn Dr. Louis Cassar Pullicino ghall-attur li talab l-isfilz tan-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Dr. Malcolm Pace peress li l-konvenut Louis Manduca kien kontumaci u wara li saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju baqa’ kontumaci. Fil-fatt Louis Manduca gie notifikat fl-4 ta’ Mejju 2005 (fol 25) u ma pprezentax eccezzjonijiet. F’dan l-istadju dahal Dr. Malcolm Pace li ddikjara li qed jara l-process u li l-intimat gie notifikat u baqa’ kontumaci. Il-Qorti *in vista* ta’ dan ordnat l-isfilz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Dr. Malcolm Pace fil-kwalita` tieghu premess; u l-verbal tal-1 ta’ April 2009 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba sabiex tigi ffissata seduta ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi dwar il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumaci quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri bix-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokument ipprezentati.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-13 ta’ Ottubru 2009 fejn id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar il-punt ta’ gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenuti ghall-25 ta’ Frar 2010.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Dr. Malcolm Pace datata 14 ta’ Ottubru 2009 a fol 139 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta’ Frar 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Malcolm Pace ghall-konvenuti u Dr. Louis Cassar Pullicino ghall-atturi. Inghatat decizjoni dwar il-gustifikazzjoni dwar il-kontumacja. Il-kawza giet differita sabiex il-konvenut jirregola ruhu u okkorrendo finali trattazjoni ghat 18 ta’ Mejju 2010.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri flimkien max-xhieda kollha quddiemu prodotta.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Malcolm Pace datat 4 ta’ Mejju 2010 fejn huwa kkontenda li n-notifika lill-konvenuti Louis u Ruby Manduca permezz tal-affissjoni tac-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh tal-kawza hija nulla u bla effett u dan peress li dawn saru fl-indirizz hazin u f’lokalita’ differenti mir-residenza taghhom, kollox kif jirrizulta mill-istess rikors a fol. 163 tal-process.

Rat ir-risposta tal-attur datata 5 ta’ Novembru 2010 a fol. 167 tal-process fejn sostna li n-notifika saret abbazi tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** u dan ghaliex l-indirizz tal-konvenuti Manduca ma kienx maghruf.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 9 ta’ Novembru 2010 (fol. 168) a gbir tal-provi dwar l-istess rikors u d-digriet datat 16 ta’ Novembru 2010 fejn gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex jisma’ l-provi dwar l-istess rikors tal-4 ta’ Mejju 2010.

Rat l-affidavit ta’ Dr. Malcolm Pace datat 21 ta’ Jannar 2011 a fol. 182 *et sequitur* tal-process.

Rat l-affidavit ta’ Miriam Cremona datat 4 ta’ Frar 2011 a fol. 189 tal-process u x-xhieda taghha tal-11 ta’ Mejju 2011 a fol. 195 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti tat-12 ta’ Mejju 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Malcolm Pace ghall-konvenut u Dr. Julianne Portelli Demajo ghall-attur. Il-kawza giet differita ghall-decizjoni in

difett t’ ostakolu fuq il-punt tan-notifika tal-konvenuti ghat-28 ta’ Gunju 2011; u tal-4 ta’ Gunju 2011 fejn giet differita ghall-4 ta’ Ottubru 2011 ghall-istess.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija decizjoni dwar l-allegazzjoni da parte tal-konvenut odjern Dr. Malcolm Pace fil-kwalita’ tieghu premessa fejn qed isostni li n-notifika tal-konvenuti abbazi tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** saret hazin ghaliex il-konvenuti qatt ma gew notifikati fir-residenza taghhom ta’ dak iz-zmien 76/3, Vjal Sir Michelangelo Refalo, Balzan, u wkoll li l-affissjoni ma saritx fil-fatt mal-istess post, jew fil-lokalita’ msemmija, peress li din saret biss f’Attard u Hal Qormi, li ma kienux ir-residenza ta’ dak iz-zmien tal-konvenuti Louis u Ruby Manduca.
Illi jinghad li r-rikorrenti odjern kien talab li jiggustifika l-kontumacja tal-istess Louis Manduca b’rikors datat 19 ta’ Jannar 2009, liema talba tipprezumi li n-notifika tal-konvenut kienet valida, u t-talba ta’ gustifikazzjoni ta’ kontumacja giet michuda ghar-ragunijiet hemm premessi b’decizjoni datata 25 ta’ Frar 2010.

Illi huwa ghalhekk ovvju li f’dik il-procedura ma gietx attakata n-notifika, izda dan qed isir bir-rikors odjern u dan peress li qed jallega li ghalkemm l-attur kien jaf bl-indirizz tal-konvenuti Manduca f’Hal Balzan, ma kien sar f’din il-kawza l-ebda tentattiv ta’ notifika fl-istess indirizz, izda f’indirizzi ohrajn li ma kienux ir-residenza tal-konvenuti Manduca, u ghalhekk isegwi li l-affissjoni u l-procedura abbazi tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** saret hazin, kemm ghaliex qatt ma sar l-ebda tentattiv ta’ notifika fir-

residenza tal-konvenuti Manduca li l-attur kien jaf biha, u wkoll l-affisjoni ma saritx fil-lokalita' tal-istess residenza tieghu f'Hal Balzan, kif jidher mir-riferti kollha relattivi.

Illi fil-fatt il-konvenut odjern Dr. Malcolm Pace jghid li rrizulta li l-attur indika l-indirizz tal-konvenuti inkorrettement, meta effettivament kemm hu kif ukoll il-familjari tieghu kienu jafu ben tajjeb l-konvenuti kienu qed jirrisjedu f'Balzan meta l-allegata notifika in kwistjoni saret fl-indirizz hazin u l-attur ma kienx in bona fede.

Illi huwa ghalhekk li l-konvenuti Louis u Ruby Manduca ma pprezentawx in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom biex jirrespingu t-talbiet ta' l-attur. La darba wkoll l-affissjoni saret f'indirizz hazin, mela allura l-argyment ta' l-istess Dr. Malcolm Pace huwa li tali notifika hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u allura tali notifika ma jammontax ghal notifika valida.

Illi l-attur fir-risposta tieghu datata 5 ta' Novembru 2010, oppona t-talba tar-rikorrenti odjern billi fil-fehma tieghu Louis Manduca kien gie notifikat regolarment ghaliex in-notifika saret skond l-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** u dan ghaliex l-indirizz tal-konvenut Louis Manduca ma kienx maghruf.

Illi l-**artiklu 187 (3) tal-Kap. 12** jipprovdi, *inter alia*, illi fejn it-post tar-residenza ma jkunx maghruf, *"il-Qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwahal kopja tal-att fil-post, fil-bejt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhfu l-atti ufficcjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fit-qosor fil-Gazzetta u rgurnal ta' kuljum.....".* L-istess sub-artiklu jipprovdi illi *".....F'dawk il-kazijiet in-notifika ghandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xoghol wara l-ahhar data meta meta tkun giet pubblikata jew minn meta tkun twahhlet il-kopja, skond liema tigi l-aktar tard."*

Illi mill-atti processwali jirrizulta li saru s-segwenti notifiki:-

(a) Illi Joseph Muscat Manduca pprova jinnotifika l-konjugi Manduca, konvenuti f'din il-kawza fl-indirizz 29, Triq Sant Antnin, Attard, (a fol 14). Ir-riferta tghid "ma fetah hadd".

(b) Illi l-attur rega' pprova jinnotifika l-konvenuti bic-citazzjoni u l-avviz tas-smigh, ghat-tieni darba, fl-11 ta' Mejju 2004 f'indirizz iehor, u cioe`, 2, Tony Flats, Triq Ganu, Birkirkara u fejn skond ir-riferta relattiva inghad li l-konvenuti kienu *'moved'*. (a fol 19 tal-process)

(c) Illi fit-2 ta' Mejju 2005, reghhet harget in-notifika lill-konvenuti, bil-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni, fl-indirizz, 2, Tony Flats, Triq Ganu, Birkirkara li jidher li saret fl-4 ta' Mejju 2005 (a fol. 25)

(d) Illi l-kawza kienet marret *sine die*, u l-attur kien ippresenta rikors ghar-riappuntament tal-kawza fil-11 ta' Ottubru 2005. In-notifika tar-riappuntament saret da parti tal-attur lill-konvenuti fl-indirizz 29, Triq Sant Antnin, Attard. Ir-riferta tghid *'ma fetah hadd'* (*a tergo* ta' fol. 31).

(e) Illi l-attur rega' hareg in-notifika tar-rikors ghar-riappuntament u tac-citazzjoni u ta' l-avviz tas-smigh tal-kawza lill-konvenuti fil-31 ta' Jannar 2006 u fis-6 ta' Frar 2006 fl-istess indirizz ta' H'Attard. Ir-riferta tghid "sibt nies ohrajn" (a tergo ta' fol 34).

(f) Illi fit-13 ta' Marzu 2006, saret notifika bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni l-indirizz ta' H'Attard ( a tergo ta' fol. 36 tal-process).

Illi izda mill-provi prodotti jidher li Louis Manduca u martu Ruby Manduca t-tnejn gew notifikati, bil-Mandat ta' Qbid numru 1441/03 datat 26 ta' Awissu 2003 mill-istess attur odjern fir-residenza taghhom ta' San Anton Flat 3, Triq Michelangelo Refalo Balzan (vide fol 118 u 119 tal-process). Ma' dan jinghad li Miriam Cremona, oht l-attur, tikkonferma, sia fl-affidavit taghha datat 23 ta' Frar 2009 (paragrafu 6 – fol. 111) kif ukoll fix-xhieda taghha viva voce datata 11 ta' Mejju 2011 (fol. 195) li dan il-Mandat ta' Qbid inhareg fl-indirizz ta' Hal Balzan u hija stess tghid li dan kien l-indirizz taghhom.

Illi izda stranament minkejja dan jirrizulta minn notifiki kollha relattivi li ma sar l-ebda tentattiv ta' notifika tac-citazzjoni attrici li giet intavolata fit-30 ta' Gunju 2003 lill-

konvenut f'dak li kienet ir-residenza taghhom f'Hal Balzan, u dan minkejja li skond ir-riferta tal-Mandat ta' Qbid Numru 1441/03 datata 28 ta' Awwissu 2003 jirrizulta r-residenza tal-konvenuti Manduca kienet proprju Hal Balzan u allura ma jistax jinghad li fil-mori ta' din il-kawza l-attur ma kienx jaf fejn hija r-residenza tal-konvenuti ghaliex dan jirrizulta car mill-istess atti tal-Mandat mahruga mill-attur stess, u addirittura x-xhieda ta' Miriam Cremona, prodotta mill-attur sabiex tixhed dwar dan il-kaz.

Illi ghalhekk abbazi ta' dan jirrizulta li l-attur Joseph Muscat Manduca u ohtu Miriam Cremona kien jafu li r-residenza tal-konjugi Louis u Ruby Manduca, almenu mit-26 ta' Awwissu 2003, fil-fatt kienet fil-fond 76/3, Vjal Sir Minchelangelo Refalo, Balzan u mhux l-indirizzi ohra.

Illi tenut kont li din il-kawza giet intavolata 30 ta' Gunju 2003 u mela allura dan ifisser li meta l-attur ipprova jinnotifika lill-konvenuti ghat-tieni darba u cioe` fl-11 ta' Mejju 2004 huwa kien gja` jaf li l-konvenuti kienu qeghdin joqghodu fir-residenza indikata ta' Hal Balzan u allura n-notifika lilhom kellha ssir hemm hekk u mhux f'postijiet ohra u anke jekk jew kieku applikabbli l-istess kellhu jsir bil-procedura tal-affissjoni.

Illi hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza **"Charles Grech vs Domestica Ltd."** (P.A. (JA) - 4 ta' Ottubru, 2004) fejn il-Qorti hemm sostniet li *"thoss li filwaqt li l-procedura tan-notifika bil-pubblikazzjoni ghandha l-importanza taghha, min jistitwixxi proceduri legali ghandu jaghmel tentattiv serju biex isir jaf fejn joqghod l-imharrek u ma jirrikorrix ghall-procedura imsemmija jekk mhux assolutament mehtiega. L-imharrek ghandu dritt jigi notifikat biex jiddefendi ruhu u l-procedura tan-notifika skond l-artikolu 187 (3) ma ghandhiex tigi abbuzata".*

Illi l-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** *inter alia* jippresupponi ghall-appliazzjoni tieghu li l-post tar-residenza ta' dak li ghandu jigi nnotifikat ma jkunx maghruf, u hija fehma ta' din il-Qorti li dan ma kienx il-kaz fil-kawza odjerna ghaliex

jirrizulta li definittivament li l-attur kien jaf bl-indirizz fejn kienu qeghdin joqghodu l-konvenuti u b'hekk l-indirizz kien maghruf.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **"Valcall Limited vs Alt Services Ltd et"** (P.A. (JRM) - 24 ta' Jannar, 2001) inghad li:-

*"Il-Qorti hawnhekk qieghda tifhem li jekk kemm-il darba wiehed jitkellem dwar jekk in-notifika hijiex valida, allura ma jibqax izjed il-kaz li jitkellem ukoll dwar il-jedd li jnehhi l-kontumacja, ghaliex notifika invalida, jew nuqqas ta' notifika skond il-ligi, ma taghti qatt bidu ghaz-zmien li jimxi kontra l-persuna li, fil-fatt, ma tkun giet notifikata qatt. Wiehed ma jistax jaqa' kontumaci jekk mhux wara li jkun gie validament notifikat b'att tac-citazzjoni".*

Illi ghalhekk, din il-Qorti fid-dawl tal-premess qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti Dr. Malcolm Pace fir-rikors tieghu datat 4 ta' Mejju 2010, b'dan li tiddikjara li notifiki li saru tal-konvenuti Louis U Ruby Manduca bhala nulli u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad ir-risposta tal-attur datata 5 ta' Novembru 2010, **tilqa' t-talba tar-rikorrenti Dr. Malcolm Pace fir-rikors tieghu datat 4 ta' Mejju 2010,** b'dan li tiddikjara n-notifiki li saru tal-konvenuti Louis u Ruby Manduca bhala nulli u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u tordna li jsiru n-notifiki mill-gdid u skond il-ligi tal-konvenuta Ruby Manduca u ta' Dr. Malcolm Pace, li b'digriet datat 17 ta' Jannar 2008 l-atti gew trasfuzi f'ismu stante l-mewt fil-mori tal-kawza tal-konvenut Louis Manduca.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni a karigu tal-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------